

# Passaport Ewropew għaċ-Ċittadinanza Attiva

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

# Merħba fl-Unjoni Ewropea (UE), l-ewwel demokrazija parteċipattiva u transnazzjonali tad-dinja!

Bħala ċittadin tal-UE għandek id-dritt li tinfluwenza r-regoli li japplikaw għal aktar minn 500 miljun persuna fi 28 Stat Membru. Issa taf tgħid: tajjeb, iżda kif nista' nsemma' leħni fil-prattika? Din il-pubblikazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) twieġeb din il-mistoqsija direttament. Hija starter kit għaċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva fl-Ewropa.

Il-"Passaport Ewropew għaċ-Ċittadinanza Attiva" tal-KESE jgħaqqad liċ-ċittadini individwali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-ideat tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE u t-teħid ta' deċiżjonijiet madwar il-kontinent kollu. Joffri gwidi ta' malajr, skedi informattivi, informazzjoni ta' sfond, gwidi, navigaturi u settijiet ta' għodod għall-istrumenti differenti ta' parteċipazzjoni, inkluża informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE), il-mekkaniżmu l-ġdid u potenzjalment b'saħħtu ħafna ta' għoti ta' setgħa lill-poplu b'mod transnazzjonali, dirett u diġitali li ġie stabbilit ftit snin ilu.

L-idea ewlenija ta' din il-pubblikazzjoni hija li tgħinek u tiggwidak biex issemma' leħnek billi l-ewwel issaqsi lilek innifsek xi mistoqsijiet bażiċi: il-kwistjoni li trid tindirizza hija ġenwinament kwistjoni fil-livell tal-UE jew ikun aħjar li minflok tibda fil-livell lokali? U jekk ser tindirizza l-idea tiegħek fil-livell Ewropew, liema hu l-iktar mod effiċjenti u ta' suċċess biex jirnexxilek? Ikun biżżejjed li sempliċement tibgħat ittra lill-membru tal-Parlament Ewropew tiegħek jew forsi tressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew? Jew inkella, tista' tissieħeb ma' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jew saħansitra partit politiku u tikkontesta elezzjoni inti stess?




Dan il-ktejjeb (li huwa disponibbli bi 23 lingwa) tfassal biex jgħinek fil-kwistjonijiet li ġejjin relatati maċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva fl-Unjoni Ewropea: iż-żmien opportun (meta għandek issir attiv?), it-timijiet (ma' min għandek tissieħeb?), u l-għodda (liema strumenti parteċipattivi disponibbli għandek tuża?).

Leħnek! L-Ewropa tiegħek! Dan huwa l-Passaport Ewropew għaċ-Ċittadinanza Attiva tiegħek!

4 | **ĊITTADINANZI TIEGĦI**
Paġna Informazzjoni Personali

5 | **GWIDA FIL-QOSOR**
għaċ-Ċittadinanza Attiva Ewropea

8 | **NAVIGATUR**
għall-Poter tal-Poplu Lokali, Reġjonali, Nazzjonali u Transnazzjonali

10 | **LEĦNI FL-EWROPA**
Merħba fuq il-Palk il-Kbir

12 | **KIF TIRNEXXI**
L-Ideat tiegħek, il-Kwistjoni, il-Mument, it-Tim u l-Għodda

14 | **KWISTJONIJIET EWROPEJ**
Forum mill-Agrikoltura għar-Riċerka

16 | **GĦODDA TA' PARTEĊIPAZZJONI**
Ilmenti, Konsulenza, Konsultazzjoni, Inizjattiva u Modi Oħra

19 | **GWIDA IĊE**
Il-gwida tiegħek għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

28 | **PONT TRANSNAZZJONALI**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

30 | **ĊENTRU TA' APPOĠĠ**
Soċjetà Ċivili u l-Midja taċ-Ċittadini

# ĊITTADINANZI TIEGĦI

## Paġna Informazzjoni Personali

Dan il-**Passaport Ewropew għaċ-Ċittadinanza Attiva** huwa ta'

.......................................................................

(Isem)

.......................................................................

(Dettalji tal-kuntatt)

**li huwa/hija ċittadin/a eliġibbli ta' (immarka jekk jgħodd)**

- ❍ Il-muniċipalità ta' ..................................................................
- ❍ Id-distrett/ir-reġjun/il-provinċja ta' ....................................................
- ❍ ..................................................................(il-pajjiż)
- ❍ L-Unjoni Ewropea
- ❍ ..................................................................(entità politika oħra)
- ❍ ..................................................................(entità politika oħra)

Mintix ċert dwar l-istatus ta' ċittadin tiegħek stess? Iċċekkja l-passaport (tal-ivvjaġġar) jew il-karta tal-identità nazzjonali tiegħek jew ikkonsulta ma' uffiċjal għall-informazzjoni fil-post fejn tgħix. Għal aktar għajnuna dwar kif tuża din il-pubblikazzjoni, ikkuntattja lil citizensinitiative@eesc.europa.eu.

Tinsiex li l-istatus ta' ċittadin eliġibbli jagħtik is-setgħa li tuża ċerti drittijiet parteċipattivi (u oħrajn) sabiex issemma' leħnek. Din il-pubblikazzjoni toffri gwida inizjali għal din l-għodda. Tiffoka fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea, iżda tinkludi xi referenzi u suġġerimenti dwar opportunitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għaċ-ċittadinanza attiva.

Kun af aktar dwar drittijietek, l-opportunitajiet u l-livelli ta' influwenza fil-paġni li ġejjin.

# GWIDA FIL-QOSOR
għaċ-Ċittadinanza Attiva Ewropea

## 1. Dawn huma d-drittijiet ewlenin tiegħek:

L-istatus ta' "ċittadin tal-UE" jipprovdi erba' tipi ta' drittijiet politiċi u libertajiet:

– li tiċċaqlaq, tgħix u taħdem liberament fit-territorju tal-UE

– li tiġi protett mill-awtoritajiet diplomatiċi ta' kwalunkwe Stat Membru meta tkun barra l-UE

– **li tivvota u tikkontesta elezzjonijiet fil-livell lokali u tal-UE fi kwalunkwe Stat Membru**

– **li tipparteċipa fil-proċess leġislattiv tal-UE billi pereżempju tressaq petizzjoni lill-Parlament Ewropew u torganizza/tappoġġja Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE)**

## 2. Ftit storja

Tiftakru l-1 ta' Novembru 1993? Dakinhar, iċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha kisbu status legali ġdid bħala "ċittadini tal-Unjoni Ewropea". Dakinhar, il-"Komunità Ewropea" (ekonomika) saret l-"Unjoni Ewropea" (politika). Dan kien u għadu pass dinji u storiku ewlieni - l-ebda ċittadin ieħor fid-dinja ma għandu drittijiet transnazzjonali biex jipparteċipa b'mod attiv fit-tfassil tal-leġislazzjoni fil-pajjiżi kollha. L-introduzzjoni formali taċ-ċittadinanza tal-UE kienet preċeduta minn attivazzjoni gradwali ta' drittijiet u obbligi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri, inkluża l-libertà ta' moviment (mill-1957) u d-drittijiet ta' votazzjoni diretta fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (mill-1979).

## 3. Għadek m'intix ċittadin tal-UE?

Hemm mod wieħed biss kif tista' ssir ċittadin/a tal-Unjoni Ewropea. Trid tkun jew issir ċittadin/a eliġibbli ta' wieħed mit-28 (bħalissa) Stat Membru. Fi kliem ieħor, ma hemm l-ebda mod kif jinkiseb dan l-istatus mingħajr ma tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri. Dan ifisser li ċ-ċittadinanza tal-UE tikkomplementa ċ-ċittadinanza lokali, reġjonali u nazzjonali, iżda qatt ma tissostitwixxiha. Madankollu, il-leġislazzjoni dwar iċ-ċittadinanza nazzjonali madwar l-UE tvarja ħafna, inklużi l-età tal-vot (fl-Awstrija, din hija stabbilita għal 16 minflok 18-il sena), il-limitazzjonijiet dwar iċ-ċittadinanza doppja (f'xi Stati Membri din hija marbuta mal-oriġini) u anke għażliet multipli (ċittadini Daniżi li jgħixu fil-Gżejjer Faeroe jistgħu jagħżlu li jkollhom iċ-ċittadinanza tal-UE).

# Attiva ċ-ċittadinanza tal-UE tiegħek issa!

## Kun informat!

Forsi taf diġà. L-Unjoni Ewropea hija sistema legali u politika pjuttost kumplessa. Madankollu, dak li hu importanti hu li int għandek id-dritt li tkun taf eżattament x'qed jiġri. Tista' titlob u tirċievi informazzjoni dwar bażikament dak kollu li jiġri fi ħdan l-Unjoni. Għandek ukoll id-dritt legali ta' "aċċess għad-dokumenti" tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Dawn id-drittijiet huma stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 42) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 15).

Is-servizz "Europe Direct" iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-UE fil-lingwa tiegħek [Internet: http://europa.eu/europedirect/, Tel: 00 800 6 7 8 9 10 11 (servizz matul il-ġurnata)]. Għandek tirċievi tweġiba inizjali fi żmien tlett ijiem ta' xogħol, jew tista' tuża s-servizz tal-'instant chat'. Is-servizz jinkludi tqassim b'xejn bil-posta ta' (ċerti) pubblikazzjonijiet tal-UE. Madankollu, fir-rigward tas-soluzzjoni prattika tal-problemi, diskussjoni speċifika dwar il-politiki tal-UE jew parir legali, is-servizz "Europe Direct" jista' jgħinek aktar.

**Aqra aktar dwar l-għodod l-oħra disponibbli fit-taqsima "**"Leħni fl-Ewropa"** ta' din il-pubblikazzjoni.**

## Kun ikkonsultat!

Peress li r-regoli u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom impatt kbir fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum, huwa importanti li wieħed ikun jaf li hemm obbligu legali li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi fl-UE ikun miftuħ u reattiv. Għal din ir-raġuni, l-istituzzjonijiet tal-UE huma obbligati "[j]żommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari" (it-Trattat ta' Lisbona, Artikolu 11.2.) u għandhom jagħmlu "konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet konċernati" "[s]abiex [j]assigura[w] li l-azzjonijiet tal-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti" (it-Trattat ta' Lisbona, Artikolu 11.3).

Is-servizz "Il-Vuċi Tiegħek fl-Ewropa" huwa punt ta' aċċess uniku uffiċjali għall-konsultazzjonijiet li għaddejjin u għad-diskussjonijiet pubbliċi relatati mal-proċessi tat-tfassil tal-politika Ewropea http://ec.europa.eu/yourvoice. Meta tirreġistra tista' wkoll tinkiteb biex tirċievi notifiki bil-posta elettronika u tiġi mistieden tipparteċipa fi proċessi ta' konsultazzjoni formali.



## Ipparteċipa!

L-Unjoni Ewropea hija demokrazija rappreżentattiva moderna, fejn il-pubbliku għandu inflwuenza kemm b'mod indirett (permezz tal-Parlament) kif ukoll b'mod dirett (permezz tal-parteċipazzjoni). Il-karti fundamentali, it-Trattati u l-liġijiet tal-UE jikkonformaw mal-Artikolu 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jistipula li "kulħadd għandu l-jedd li jieħu sehem fil-gvern ta' pajjiżu" u, għall-ewwel darba fl-istorja tad-dinja, iqiegħdu dan il-prinċipju fil-livell transnazzjonali.

Fi kliem ieħor: għandek id-drittijiet kollha u mħeġġeġ ħafna biex tipparteċipa b'mod attiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE, pereżempju billi tingħaqad/tipparteċipa f'partit politiku rrappreżentat fil-Parlament Ewropew [www.europarl.europa.eu] jew permezz ta' petizzjoni lill-PE [www.petiport.europarl.europa.eu]. L-aktar għodda b'saħħitha (attwalment) għad-demokrazija parteċipattiva fl-UE hija l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej [ec.europa.eu/citizens-initiative] li tippermettilek tistabbilixxi l-aġenda tal-Unjoni Ewropea!

# NAVIGATUR

## għall-Poter tal-Poplu Lokali, Reġjonali, Nazzjonali u Transnazzjonali

## Merħba Sur/Sinjura super-ċittadin!

X'jiġri fil-ħajja mhuwiex imnaqqax fil-blat! Hija r-responsabilità tiegħek, ta' ħbiebek u tagħna lkoll biex insemmgħu leħinna u biex nagħmlu beltna, il-provinċja tagħna, pajjiżna, l-Ewropa u d-dinja (tal-anqas kemxejn) aħjar. Tlaqna!

## **Posti:** il-livell muniċipali

Il-post fejn tgħix x'aktarx huwa l-aktar post importanti għaċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva. Filwaqt li l-muniċipalità tiegħek tista' tkun l-aktar livell baxx ta' awtorità tal-istat, hija l-livell fejn jiġu regolati l-kwistjonijiet importanti bħalma huma l-ġestjoni tal-iskart, l-infrastruttura lokali, jew xi kultant anke l-edukazzjoni primarja u s-servizzi soċjali. Barra minn hekk, il-livell muniċipali huwa marbut mill-qrib mal-livelli leġislattivi fil-livell nazzjonali u dak Ewropew u jaqdi rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' diversi regoli u liġijiet.

Iċċekkja ma' uffiċjal għall-informazzjoni fl-amministrazzjoni lokali tiegħek dwar x'impatt tista' tagħmel, kif u meta.

Hemm kważi 90 000 demokrazija lokali madwar l-Unjoni Ewropea u ħafna minnhom huma responsabbli għal parti enormi tal-ġbir ġenerali tat-taxxa u għall-applikazzjoni ta' diversi tipi ta' drittijiet parteċipattivi għaċ-ċittadini tagħhom, inklużi l-mezzi indiretti (permezz tal-partiti politiċi u l-parlamenti lokali) u diretti (inizjattivi u referenda).

## **Ir-reġjun tiegħi:** il-livell provinċjali

Bejn il-muniċipalità tiegħek u pajjiżek għandek (tal-anqas f'25 mit-28 Stat Membru) livell wieħed jew aktar ta' strutturi ta' gvern reġjonali. Bħalissa, hemm 1 636 demokrazija reġjonali bħal dawn madwar l-UE. F'xi Stati Membri federali, il-provinċji għandhom sovranità konsiderevoli, b'kostituzzjonijiet tagħhom stess, setgħat leġislattivi ġenerali u introjtu komprensiv mit-taxxa, filwaqt li fi Stati Membri oħra tal-UE, il-provinċji/ir-reġjuni prinċipalment jaqdu rwoli amministrattivi (li jkunu għadhom mhux eletti).

Għal aktar informazzjoni ċċekkja mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni [cor.europa.eu], li huwa l-assemblea tal-Unjoni Ewropea tar-rappreżentanti reġjonali u lokali.

Skont l-istatus tal-provinċja/ir-reġjun tiegħek, jista' jkollok aktar jew inqas drittijiet estensivi għall-parteċipazzjoni politika inklużi mezzi indirett (permezz tal-partiti politiċi u parlamenti lokali) u diretti (inizjattivi u referenda).

## **Pajjiżi:** il-livell nazzjonali

L-Istati Membri huma l-aktar livell importanti ta' governanza fi ħdan l-Unjoni Ewropea, f'termini ta' setgħat politiċi u legali u l-kontroll tal-fondi pubbliċi. Għal din ir-raġuni, iċ-ċittadinanza tiegħek fi Stat Membru wieħed (jew xi kultant aktar) hija kruċjali għall-kapaċità tiegħek biex issemma' leħnek u biex ikollok impatt fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi.

Għal ħarsa ġenerali u dettaljata dwar l-opportunitajiet parteċipattivi fil-livell nazzjonali, ara s-sit "Direct Democracy Navigator" [www.direct-democracy-navigator.org] jew iċċekkja mas-servizzi ta' informazzjoni tal-parlament nazzjonali tiegħek.

Id-disponibbiltà ta' drittijiet politiċi parteċipattivi fil-livell nazzjonali tvarja b'mod konsiderevoli bejn it-28 Stat Membru. Filwaqt li l-pajjiżi kollha għandhom drittijiet elettorali inklużi l-vot universali u d-dritt li l-individwi jikkontestaw elezzjonijiet nazzjonali, madwar żewġ terzi tal-pajjiżi jippermettu wkoll li ċ-ċittadini jagħmlu l-proposti tagħhom stess permezz ta' petizzjonijiet u inizjattivi u (f'numru iżgħar ta' pajjiżi) li jsemmgħu leħinhom dwar kwistjonijiet sostantivi permezz tal-proċess ta' referendum.

## **L-Ewropa tiegħi:** il-livell transnazzjonali

Bħala ċittadin tal-UE, tista' toħroġ għall-elezzjonijiet tal-Parlament tal-UE (l-elezzjoni li jmiss hija f'Mejju 2019) Aqra aktar fuq il-paġna li jmiss.

L-Unjoni Ewropea hija l-ewwel demokrazija parteċipattiva u transnazzjonali tad-dinja. Bħala ċittadin tal-UE, għandek opportunitajiet komprensivi biex issemma' leħnek, permezz tal-vot u/jew billi toħroġ bħala kandidat għall-Parlament tal-UE jew billi jkollok sehem aktar dirett permezz tal-proċess ta' petizzjoni (indirizzat lill-Parlament) u ta' inizjattiva (indirizzat lill-Kummissjoni). U l-kbir għadu ġej!

# LEĦNI FL-EWROPA

## Merħba fuq il-Palk il-Kbir

### Merħba fil-palk il-kbir tal-politika Ewropea

Il-governanza Ewropea hija importanti ħafna aktar minn qatt qabel. Dak li jiġi deċiż fil-livell tal-UE għandu implikazzjonijiet enormi fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Fl-UE flimkien naqblu dwar kwistjonijiet bħal ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi oħra, kif għandhom jiġu kkonservati r-riżorsi tal-baħar tagħna jew liema regoli għandhom jiġu applikati biex tiġi żgurata kompetizzjoni ekonomika ħielsa u ġusta.



Dawn huma kwistjonijiet li dwarhom l-UE - abbażi tat-Trattati tagħha - għandha kompetenza esklużiva. U hemm ħafna oqsma oħra ta' politika fejn l-UE tista' tirregola u taqsam il-kompetenzi mal-Istati Membri. Dawn l-oqsma jinkludu l-koeżjoni soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-enerġija, it-trasport u s-saħħa pubblika, biex insemmu biss uħud minnhom.

Peress li l-UE hija demokrazija rappreżentattiva moderna b'sistema kumplessa ta' setgħat kondiviżi u istituzzjonijiet speċjalizzati mhux dejjem ikun faċli li ċ-ċittadini individwali tal-UE jidentifikaw, jivvalutaw u jinfluwenzaw il-proċess tat-tfassil tal-politika fil-mument ġust bl-aktar għodda effiċjenti.

**L-ewwel nett hemm bżonn li nsiru familjari mad-diversi modi li bihom aħna, iċ-ċittadini, nagħżlu u ninkarigaw lid-diversi istituzzjonijiet u partijiet interessati f'dak li jikkonċerna t-teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE kollha:**

**1.** Darbtejn kull ħames snin neleġġu l-parlamenti tagħna f'pajjiżna u fl-Unjoni Ewropea. Hawnhekk għandek l-opportunità li toħroġ bħala kandidat u tikkontesta elezzjoni.

– L-elezzjoni tal-parlament nazzjonali hija kritika għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE peress li tinfluwenza l-kompożizzjoni tal-gvern nazzjonali (u f'ħafna każijiet il-Kap ta' Stat ukoll). Il-gvern nazzjonali huwa parti mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tnejn mill-aktar istituzzjonijiet importanti tal-UE. Iżda l-parlament nazzjonali jagħti wkoll l-opinjoni tiegħu fir-rigward tal-proċess leġislattiv tal-UE.

– L-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (PE) hija waħda mill-aktar mezzi b'saħħithom u diretti ta' influwenza pubblika fil-livell tal-UE. Dan għaliex matul is-snin is-setgħat tal-PE fi ħdan il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet fl-UE żdiedu ħafna u issa huma f'ħafna modi ugwali għal dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (magħmul mill-gvernijiet tal-Istati Membri).

**2.** Ta' min jgħid ukoll li l-elezzjonijiet diretti fil-parlament nazzjonali u dak Ewropew għandhom ħafna konsegwenzi indiretti, pereżempju, il-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew huma kruċjali għat-tiswir tal-Kummissjoni Ewropea. Dan huwa l-korp eżekuttiv tal-UE, li huwa responsabbli biex jipproponi l-leġislazzjoni, jimplimenta d-deċiżjonijiet u jamministra l-affarijiet ta' kuljum. Barra minn hekk, il-kompożizzjoni ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, inklużi l-qasam ġudizzjarju, l-Ombudsman u l-Kumitat konsultattiv Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), hija influwenzata mid-deċiżjonijiet li jsiru mill-Ewropej matul l-elezzjonijiet.

**3.** L-Unjoni Ewropea mhijiex purament demokrazija indiretta; hija demokrazija moderna rappreżentattiva bbażata fuq il-parteċipazzjoni ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE. Dan il-prinċipju fundamentali stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) għandu konsegwenzi kbar għall-funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fil-qosor, iċ-ċittadini tal-UE mhumiex biss fuq il-palk il-kbir tal-politika Ewropea dakinhar tal-elezzjoni, iżda dan huwa minnu kuljum! Għal din ir-raġuni, l-UE stabbilixxiet (u għadha qed tistabbilixxi) ġabra komprensiva ta' strumenti parteċipattivi, li jgħaqqdu flimkien liċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet, il-proċessi ta' tfassil ta' politika u d-deċiżjonijiet.

**4.** Filwaqt li għandek id-dritt li tipparteċipa fuq bażi ta' kuljum fl-affarijiet tal-UE, ħafna minna m'għandniex il-ħin, l-għarfien u r-riżorsi biex nagħmlu dan. Għalhekk huwa importanti ħafna li nagħżlu l-aħjar żmien, l-aqwa msieħba u l-aħjar strument biex insemmgħu leħinna b'mod effiċjenti u sostenibbli. Sabiex tagħmel dan, jista' jkollok bżonn tagħżel bejn rwol aktar permanenti fuq dan il-palk (pereżempju bħala uffiċjal elett, impjegat jew rappreżentant tas-soċjetà ċivili) jew approċċ aktar immexxi mill-kwistjonijiet, li f'99 każ minn 100 jista' jkun l-uniku mod biex tirrikonċilja r-rwol tiegħek bħala ċittadin attiv tal-UE mar-rwoli l-oħra tiegħek fil-ħajja pubblika, privata u dik professjonali.

# KIF TIRNEXXI

## L-Ideat tiegħek, il-Kwistjoni, il-Mument, it-Tim u l-Għodda

### **Għandek idea tajba.** Issa wasal iż-żmien għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet inizjali tiegħek!



Issa f'idejkom iċ-ċittadini Ewropej! Jaf għandek idea tajba dwar kif tista' tbiddel l-Ewropa jew forsi sempliċement problema żgħira biex twaqqaf negozju n-naħa l-oħra tal-fruntiera. Jaf imnejn trid tniedi kampanja ewlenija kontra liġi eżistenti tal-UE jew kemm tilmenta dwar uffiċjal tal-UE. Hemm mijiet ta' raġunijiet għala wieħed għandu jsir ċittadin attiv tal-UE, iżda għandek bżonn biss xi tweġibiet tajbin għal xi ftit mistoqsijiet ewlenin qabel ma tibda triqtek.

### **Il-kwistjoni tiegħek:** kwistjoni Ewropea?

L-Unjoni Ewropea tittratta ħafna kwistjonijiet. Wisq fl-opinjoni ta' xi wħud, jew ftit wisq fl-opinjoni ta' oħrajn. Iżda indipendentement minn din id-diskussjoni importanti, l-UE għandha lista pjuttost ċara ta' kwistjonijiet ta' politika (ibbażata fuq it-Trattati tagħha u miftiehma mill-Istati Membri kollha) li tittratta, b'mod esklużiv, kondiviż jew permezz ta' appoġġ tal-kompetenzi. Għalhekk malli jkollok kwistjoni ta' kwalunkwe tip, iċċekkja n-natura potenzjalment Ewropea tal-idea/it-tħassib tiegħek. Tista' tkun kwistjoni li minflok tista' tiġi trattata b'mod aktar effiċjent fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.

### **Il-mument tiegħek:** il-mument opportun biex issir attiv?

Iż-żmien huwa kruċjali biex jirnexxilek issemma' leħnek. Tista' tkun kmieni wisq u ħadd ma jinduna jew tkun tard wisq u d-deċiżjonijiet ikunu diġà saru (jew ikunu waslu fl-aħħar stadji). Iżda bejn dawn iż-żewġ estremitajiet hemm tieqa kbira ta' opportunità li matulha tista' ssir attiv. Pereżempju, jekk tixtieq tniedi idea pjuttost ġdida, dan jirrikjedi ħafna paċenzja u riżorsi biex tingħata attenzjoni u rispons, iżda tkun relattivament liberu li tagħżel l-aħjar żmien biex tieħu azzjoni. Madankollu, jekk trid tinfluwenza diskussjonijiet pubbliċi li jkunu għaddejjin fil-livell tal-UE dwar kwistjoni partikolari, jeħtieġ li tiċċekkja f'liema stadju jkun wasal il-proċess (leġislattiv). Il-EUR-Lex huwa sit pubbliku utli ħafna [http://eur-lex.europa.eu] għal dan il-għan. L-għażla tal-mument meta tieħu azzjoni għandha wkoll implikazzjonijiet għat-tip ta' msieħba li għandek bżonn u liema strument parteċipattiv tagħżel.

## **It-tim tiegħek:** azzjoni kollettiva?

Biex wieħed jindirizza kwistjoni Ewropea fil-livell Ewropew fil-biċċa l-kbira tal-każi jirrikjedi sħubija soda ma’ ċittadini oħra u/jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dan huwa għas-sempliċi raġuni li l-ewwel għandek bżonn tikkonvinċi lil ħafna oħrajn (kemm ċittadini oħra tal-UE, iżda wkoll il-korpi eletti u l-istituzzjonijiet tal-UE) qabel ma tkun tista’ tagħmel impatt. Madankollu, xi kultant anke azzjoni individwali b'saħħitha u dedikata tista' tagħmel differenza: dan huwa partikolarment il-każ meta tisfa vittma ta' amministrazzjoni ħażina, jekk tara li drittijietek ikunu nkisru jew jekk sempliċement tkun innutajt kwistjoni ta' tħassib għall-pubbliku ġenerali. Min-naħa l-oħra, tista' tkun idea verament tajba li timraħ kemm jista' jkun 'il bogħod u f'pajjiżi oħra peress li l-kwistjoni/il-proposta/l-idea tiegħek tintlaqa' b'aktar interess u rispett mill-istituzzjonijiet tal-UE jekk ikun hemm tim ġenwinament Ewropew ta' ċittadini attivi li jappoġġjawha. Fil-każ tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej pereżempju hemm saħansitra rekwiżit li t-tim organizzattiv tiegħek ikun magħmul minn tal-anqas seba' ċittadini tal-UE minn tal-anqas seba' Stati Membri differenti tal-UE.

## **L-għodda tiegħek:** x'tip ta' parteċipazzjoni?

L-għażla tal-aħjar strument parteċipattiv disponibbli għall-kwistjoni tiegħek ser tkun kruċjali għas-suċċess. Il-biċċa l-kbira tal-għodod huma maħsuba biex jintużaw minn bosta ċittadini flimkien (jew anke l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili), iżda jistgħu jintużaw ukoll minn ċittadini individwali, bħalma huma t-tnedija ta’ lmenti lill-Ombudsman, l-indirizzar ta' kwistjoni transkonfinali permezz tan-netwerk tas-soluzzjoni tal-problemi onlajn, SOLVIT, jew it-tressiq ta' petizzjonijiet quddiem il-Parlament tal-UE. Strumenti parteċipattivi oħra madankollu jirrikjedu azzjoni kollettiva mill-bidu nett - bħalma hi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Il-fatt li f'ħafna każijiet il-proġetti parteċipattivi fil-livell tal-UE jistgħu jiġu amministrati onlajn jagħmilhom ħafna aktar faċli. Għalhekk, għalkemm tista' ssemma' leħnek mingħajr ma tixtri bolol, f'xi punt jaf ikollok bżonn tivvjaġġa - forsi sa Brussell biex tiltaqa' ma rappreżentant istituzzjonali jew lejn villaġġ in-naħa l-oħra tal-fruntiera fejn għandek imsieħba li jappoġġjawk.

Li tevalwa dawn il-mistoqsijiet u tagħżel it-tweġibiet bir-reqqa jistgħu jieħdu ħin prezzjuż. Madankollu, peress li ser tbiddel l-Unjoni Ewropea - komunità politika transnazzjonali ta’ aktar minn 500 miljun persuna - il-kwalità tal-passi preparatorji tiegħek ser tkun kruċjali għas-suċċess. Għalhekk, ħu ħsieb u sir attiv!

# KWISTJONIJIET EWROPEJ
Forum mill-Agrikoltura għar-Riċerka



## **Il-kwistjonijiet Ewropej huma importanti -** inkluż fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali

L-impatt possibbli tal-leġislazzjoni tal-UE fuq il-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali huwa s-suġġett ta' dibattitu mqanqal. Ir-riċerka toffri kull tip ta' riżultat skont il-metodu magħżul - għad li tenfasizza li f'ċerti oqsma bħall-ħarsien ambjentali jew ir-regolamenti finanzjarji, id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-livell tal-UE għandhom impatt qawwi wkoll fuq il-livelli l-oħra kollha ta' gvern. Fi kliem ieħor: dak li jiġri fl-UE huwa kruċjali għal kull ċittadin Ewropew u fil-livelli kollha. U sabiex issemma' leħnek huwa kruċjali li tifhem liema kwistjonijiet Ewropej jiġu deċiżi minn min.

Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE, Titolu 1) hemm tliet tipi differenti ta' kompetenzi tal-UE disponibbli: esklużivi (l-UE tiddeċiedi waħedha), kondiviżi (l-UE tiddeċiedi flimkien mal-Istati Membri) u ta' appoġġ (l-UE tgħin lill-Istati Membri). Fuq il-bażi ta' dawn is-setgħat, ċerti politiki jissawru minn atti ta' implimentazzjoni, regolamenti, direttivi, leġislazzjoni jew sempliċement deċiżjonijiet istituzzjonali mingħajr kwalunkwe impatt formali fuq il-leġislazzjoni. Barra minn hekk, hemm deċiżjonijiet magħmula mill-Parlament, il-Qrati, il-korpi konsultattivi bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u oħrajn b'diversi tipi ta' xpruni, impatti u konsegwenzi għal livelli oħra ta' governanza. Għalkemm il-kwistjonijiet Ewropej mhumiex dejjem faċli biex jiġu identifikati, dawn huma importanti u jinkludu l-kwistjonijiet li ġejjin:

## Kwistjonijiet esklużivi tal-UE

- l-unjoni doganali;
- it-tfassil tar-regoli ta' kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern;
- il-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro;
- il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd;
- il-politika kummerċjali komuni;
- il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun provduta f'att leġislattiv.

## Kwistjonijiet kondiviżi tal-UE

- is-suq intern;
- il-politika soċjali, għall-aspetti definiti f'dan it-Trattat;
- il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- l-agrikoltura u s-sajd, eskluża l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
- l-ambjent;
- il-protezzjoni tal-konsumatur;
- it-trasport;
- in-netwerks trans-Ewropej;
- l-enerġija;
- iż-żona tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;
- l-interessi komuni ta' sigurtà fi kwistjonijiet tas-saħħa pubblika, għall-aspetti definiti f'dan it-Trattat;
- ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju.

## Appoġġ u koordinazzjoni ta' kwistjonijiet tal-UE

- il-politika ekonomika;
- il-politika tal-impjiegi;
- il-politika soċjali;
- il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem;
- l-industrija;
- il-kultura;
- it-turiżmu;
- l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport;
- il-protezzjoni ċivili;
- il-kooperazzjoni amministrattiva.

Fuq il-bażi ta’ din il-lista (u l-pedament tagħha fit-Trattati tal-UE) tista' tfassal l-azzjoni tiegħek skont il-kompetenza rilevanti (esklużiva, kondiviża jew ta’ appoġġ) u tikkunsidra azzjoni komplementari fil-livell nazzjonali (jew ieħor) fil-każ ta’ kompetenzi kondiviżi/ta' appoġġ tal-UE. Il-proposti għal azzjoni li jaqgħu barra din il-lista komprensiva ta' kwistjonijiet Ewropej jistgħu jiffaċċjaw problemi kbar biex l-ewwel nett jitqiesu ammissibbli mill-istituzzjoni tal-UE li tixtieq tindirizzalha l-idea tiegħek.

**Marsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet rilevanti, inklużi r-referenza tat-Trattati, tista' tinsab hawnhekk: [http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/competence]**

# GĦODDA TA' PARTEĊIPAZZJONI

## Ilmenti, Konsulenza, Konsultazzjoni, Inizjattiva u Modi Oħra

## Il-ġabra tal-għodda għall-parteċipazzjoni transnazzjonali: kif taqbad tagħżel?



Minn mindu l-Unjoni Ewropea saret aktar minn sempliċi korp intergovernattiv ieħor, fejn rappreżentanti mill-gvernijiet nazzjonali jiltaqgħu biex jieħdu deċiżjonijiet bil-bibien magħluqa, tressqu proposti għal għodod parteċipattivi, ġew introdotti mekkaniżmi prattiċi u dawk eżistenti ġew riveduti biex jagħmlu ċ-ċittadinanza tal-UE attiva u d-demokrazija parteċipattiva fil-livell transnazzjonali aktar minn idea sabiħa: biex jagħmluha prattika ta' kuljum.

Għalhekk, inti u ssir attiv bħala ċittadin tal-UE u taħdem fil-livell transnazzjonali favur l-idea/it-tħassib/il-proposta tiegħek, jekk jogħġbok l-ewwel evalwa b'attenzjoni l-istrumenti ta' parteċipazzjoni disponibbli fil-ġabra tal-għodda. Hawnhekk għandek dawk l-aktar importanti sal-lum:

### Ilment

Jekk m'intix kuntent b'miżura relatata mal-UE tista' tressaq ilment formali mal-Ombudsman Ewropew, li joffri formola onlajn bl-24 lingwa uffiċjali tat-Trattat. Importanti: din il-possibiltà mhijiex miftuħa biss għaċ-ċittadini tal-UE iżda hija miftuħa wkoll għar-residenti kollha madwar l-Unjoni Ewropea inklużi n-negozji, l-assoċjazzjonijiet u korpi oħra rreġistrati fi ħdan l-UE.

***www.ombudsman.europa.eu***

### Pariri dwar problemi

Jekk int, bħala ċittadin tal-UE jew negozju, tiffaċċja ostakoli f'pajjiż ieħor minħabba li awtorità pubblika mhix tagħmel dak li hu mitlub mil-liġi Ewropea tista' tuża l-approċċ tal-mekkaniżmu SOLVIT għas-soluzzjoni tal-problemi previst mill-Kummissjoni tal-UE. Dan is-servizz onlajn f'24 lingwa jittratta problemi b'element transkonfinali li seħħew minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-UE mill-awtoritajiet pubbliċi fi ħdan l-Istati Membri tal-UE.

***http://ec.europa.eu/solvit***

## Is-saħħa tal-konsumatur

Jekk pereżempju għandek problema bi drittijietek bħala konsumatur jew qed tfittex kumpens għad-danni, għandek tavviċina n-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' prodotti difettużi jew servizzi f'wieħed mit-30 pajjiż (l-UE-28 kif ukoll in-Norveġja u l-Islanda).

***http://ec.europa.eu/consumers***

## L-edukazzjoni u x-xogħol

Jekk qed tfittex opportunitajiet ta' impjieg jew ta' edukazzjoni madwar l-Ewropa, hemm servizz, offrut fil-lingwi uffiċjali kollha, imsejjaħ EURES, il-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol, li joffri għodod kemm għal dawk li qed ifittxu xogħol kif ukoll għal min iħaddem (u fir-rebbiegħa tal-2015 kellu mhux anqas minn 161 000 post tax-xogħol battal, u 142 000 CV).

***http://ec.europa.eu/eures***

## Konsultazzjonijiet

Hi u tħejji politika ġdida jew bidla ta' politika, il-Kummissjoni Ewropea ta' spiss tniedi konsultazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni. Din hija opportunità tajba biex issemma' leħnek fil-proċess uffiċjali fi stadju bikri ħafna. Tista' tirreġistra biex tiġi nnotifikat meta titnieda konsultazzjoni li tikkonċerna kwistjoni li tinteressak.

***http://ec.europa.eu/yourvoice***

## Interazzjonijiet

Barra l-mezzi formali, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE issa qed jużaw il-midja soċjali biex jinformaw, jikkonsultaw, jiddiskutu u jinteraġixxu ma' ċittadini tal-UE u oħrajn interessati. Għal ħarsa ġenerali tal-mezzi disponibbli żur:

***http://ec.europa.eu/yourvoice/discussions***

## Azzjoni indiretta

Hemm bosta istituzzjonijiet tal-UE intiżi biex jgħinuk issemma' leħnek bħala ċittadin fil-livell tal-UE. Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu l-Parlament Ewropew (u l-Membru tal-Parlament Ewropew tiegħek), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni. Għal ħarsa ġenerali żur:

***http://ec.europa.eu/yourvoice/ usefullinks***

Barra minn hekk, l-azzjoni pubblika indiretta hija naturalment disponibbli wkoll permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew il-partiti politiċi fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali li jittrattaw il-kwistjonijiet relatati mal-UE.

## Petizzjonijiet

Dan huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej: kwalunkwe ċittadin, individwalment jew b'mod konġunt ma' ċittadini oħra, fi kwalunkwe ħin jista' jeżerċita d-dritt li jressaq petizzjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Importanti: dan id-dritt jinkludi r-residenti kollha tal-UE kif ukoll l-assoċjazzjonijiet u l-kumpaniji li għandhom kwartieri ġenerali fi ħdan l-Unjoni.

Il-petizzjoni tista' tippreżenta talba individwali, ilment jew osservazzjoni li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE jew sejħa lill-Parlament Ewropew biex jieħu pożizzjoni dwar kwistjoni speċifika.

***www.petiport.europarl.europa.eu***

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tippermetti lil miljun ċittadin minn mill-inqas kwart tal-Istati Membri tal-UE biex jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi leġislazzjoni f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha. L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini - kumitat taċ-ċittadini magħmul minn tal-anqas seba' ċittadini tal-UE, residenti tal-anqas f'seba' Stati Membri differenti - għandhom sena sabiex jiġbru l-appoġġ neċessarju.

Il-firem għandhom jiġu ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru u jistgħu jinġabru onlajn. L-organizzaturi ta' inizjattivi ta' suċċess jieħdu sehem f'seduta fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni jkollha tliet xhur biex teżamina l-inizjattiva u tiddeċiedi kif taġixxi fuqha.

***http://ec.europa.eu/citizens-initiative***

Inti u tikkunsidra għodda għall-azzjoni tiegħek ipprova evalwa wkoll it-tip ta' azzjoni li beħsiebek tieħu: trid iżżid xi ħaġa ġdida fuq l-aġenda tal-UE? Jew, għall-kuntrarju, trid twaqqaf xi ħaġa? Jew forsi beħsiebek ittejjeb rwol eżistenti? Jew għaliex ma tużax waħda mill-għodod bħala pedina għan-negozjar sabiex tikkomplementa forom oħra ta' azzjoni li tinsab involut fihom? Kif qed tara, hemm ħafna modi kif tista' ssir ċittadin attiv tal-UE u fit-taqsima li ġejja tista' taqra aktar dwar l-aktar għodda reċenti u innovattiva: l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej: l-ewwel pass lejn demokrazija diretta transnazzjonali

Din issejħet "l-akbar innovazzjoni ta' demokrazija transnazzjonali" mill-introduzzjoni tal-elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew 'il hawn aktar minn 35 sena ilu: l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Mill-2012 'il hawn, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea għandhom l-istess dritt bħala maġġoranza fil-Parlament Ewropew u l-Istati Membri: li jistabbilixxu aġenda politika għall-kontinent kollu.

## Dawn huma l-fatti ewlenin dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE)

– Sabiex tkun politikament meqjusa mill-Kummissjoni tal-UE, IĊE għandha tkun appoġġjata minn tal-inqas miljun ċittadin tal-UE fi żmien sena mir-reġistrazzjoni, liema ċittadini jkunu ġejjin minn mill-inqas seba' mit-28 Stat Membru. Jinħtieġ għadd minimu ta' firmatarji f'kull wieħed minn dawn is-seba' Stati Membri.

– IĊE tista' ssir fi kwalunkwe qasam fejn il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tipproponi leġislazzjoni, pereżempju, l-ambjent, l-agrikoltura, it-trasport, is-saħħa pubblika jew il-kummerċ internazzjonali.

– Sabiex titnieda inizjattiva taċ-ċittadini, iċ-ċittadini għandhom jiffurmaw "kumitat taċ-ċittadini" magħmul minn tal-anqas seba' ċittadini tal-UE residenti f'tal-anqas seba' Stati Membri differenti. Il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini għandhom ikunu ċittadini tal-UE.

– Inizjattiva tista' tiġi appoġġjata miċ-ċittadini kollha tal-UE li jkunu ta' età tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (18-il sena, ħlief fl-Awstrija, fejn l-età tal-vot hi ta' 16-il sena). Biex jappoġġjaw inizjattiva, iċ-ċittadini għandhom jimlew formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ speċifika pprovduta mill-organizzaturi, f'forma stampata jew onlajn.

– Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi IĊE korretta, il-Kummissjoni tiltaqa' mal-organizzaturi, u l-organizzaturi jistgħu jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom f'seduta pubblika fil-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tadotta tweġiba formali. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi tressaq proposta leġislattiva, tinbeda l-proċedura leġislattiva normali.

Filwaqt li d-dritt formali li tinbeda leġislazzjoni pan-Ewropea jibqa' dritt tal-Kummissjoni Ewropea waħedha, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tikkostitwixxi strument preleġislattiv għall-istabbiliment tal-aġenda. Huwa interessanti li l-IĊE hija wkoll punt ta' dħul għall-ġejjieni tal-politika parteċipattiva: hija iktar diretta, aktar transnazzjonali u aktar diġitali minn kwalunkwe ħaġa qabilha.



Din hija r-raġuni għaliex l-IĊE mhijiex biss dritt ieħor għal petizzjoni, iżda hija aktar dritt ta' attivazzjoni ta' kuljum taċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet li jmiss li għandhom jitqiegħdu fuq l-aġenda tal-istituzzjonijiet Ewropej. Mill-2012 'il hawn, intbagħtu aktar minn 50 IĊE lill-Kummissjoni Ewropea, li rrifjutat li tirreġistra 20 minnhom peress li, skontha, ma ssodisfawx ir-rekwiżiti formali kollha. Ħames IĊE minn dawk miċħuda sussegwentement appellaw din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija bbażata fuq qafas legali li jinvolvi t-Trattati tal-UE, il-liġi Ewropea sekondarja u l-leġislazzjoni nazzjonali. Filwaqt li r-regolamenti nazzjonali differenti rigward iċ-ċertifikazzjoni ta' sistemi ta' ġbir onlajn u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinstabu fir-Reġistru Uffiċjali, l-aktar dokumenti legali Ewropej importanti jinkludu:

– Pedament: "Trattat ta' Lisbona", Titolu II, Dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi, Artikolu 11.4. fil-verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C83

– Regolament: "Liġi dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej", Regolament (UE) Nru 211/2011

– Implimentazzjoni: "Dikjarazzjoni ta' appoġġ", fajl interistituzzjonali: 2010/0074 (COD)
"Ġbir elettroniku", (UE) Nru 1179/2011
"Semplifikazzjoni I", (UE) Nru 887/2013

Avviż importanti: skont il-liġi tal-UE, l-ewwel reviżjoni uffiċjali tal-prattika tal-IĊE ser titwettaq tliet snin wara l-introduzzjoni tal-proċedura inizjali, li jfisser fl-2015/2016. Dan il-proċess, li jista' jirriżulta f'bidliet u riformi fil-proċess eżistenti, huwa dokumentat fir-Reġistru Uffiċjali [http://ec.europa.eu/citizens-initiative] u fil-mezzi l-oħra ta' informazzjoni relatati [ara wkoll l-aħħar taqsima ta' din il-pubblikazzjoni].

# L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:
## ħafna modi kif tista' tieħu azzjoni

**L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej xi kultant titqabbel ma' sikkina tal-armata Svizzera, għodda ddisinjata b'mod intelliġenti, adattabbli u multifunzjonali. Peress li l-IĊE hija disponibbli għal aktar minn 400 miljun ċittadin tal-UE fi 28 Stat Membru (u madwar id-dinja, jekk tkun tgħix barra l-UE bħala ċittadin tal-UE), huwa diffiċli li wieħed jipprevedi l-impatt tagħha fil-perjodu fit-tul fuq il-gvern u d-demokrazija fl-Ewropa.**

Madankollu diġà nafu kif l-ewwel 50 IĊE intużaw, issawru, u sa ċertu punt xeħtu dubju fuq is-sett inizjali ta' regoli dwar l-IĊE [ara wkoll it-taqsimiet li jmiss]. Nafu wkoll li l-proċess tal-IĊE jirrikonoxxi tal-anqas tliet rwoli possibbli għaċ-ċittadinanza attiva: l-organizzaturi, dawk li jappoġġjawha u l-osservaturi.

Bħala organizzatur(i), tkun fil-qalba tal-proċess, peress li tkun responsabbli għall-passi ewlenin kollha previsti fir-Regolament dwar l-IĊE. Tkun ukoll ir-rappreżentant responsabbli vis-à-vis l-istituzzjonijiet, dawk li jappoġġjawk u l-Ewropa kollha. Għal din ir-raġuni, għandek bżonn ħafna kunsiderazzjoni bir-reqqa, paċenzja, dedikazzjoni u komunikazzjoni intensa u ħidma fir-rigward tar-relazzjonijiet pubbliċi.

Bħala persuna li tappoġġja IĊE inti tintalab tikkondividi kawża Ewropea partikolari bħala wieħed minn tal-anqas miljun persuna f'mhux inqas minn seba' Stati Membri. Ir-rwol ewlieni tiegħek: issir firmatarju ta' IĊE, li jfisser li timla "dikjarazzjoni ta' appoġġ" fuq il-karta jew b'mod elettroniku. Kun żgur li tiffirma inizjattiva reġistrata u vvalidata formalment.



Fl-aħħar nett, bħala osservatur jista' jkollok kurżità biex tara l-IĊE dwar xiex inhi, tkun trid tifhimha u possibbilment tkun kapaċi toffri għarfien interessanti u kummenti lill-organizzaturi, il-midja, ir-riċerkaturi u l-UE.

**Bħala organizzatur attiv, persuna li tappoġġja jew osservatur, hemm iktar aspetti li trid taħseb dwarhom qabel ma tibda, tiffirma jew tikkummenta. Il-mistoqsija ewlenija hija: xi tkun trid tikseb IĊE partikolari? X'inhu l-għan tiegħek?**





Trid tipproponi xi ħaġa ġdida lill-Ewropa? Jew l-idea tiegħek hija li tneħħi u telimina politika partikolari tal-UE? Madankollu, ħafna affarijiet mhumiex sempliċement bojod jew suwed, tajbin jew ħżiena: jaf imnejn ikun hemm bżonn li jissewwew. Għalhekk jaf li l-aktar tkun interessat tbiddel xi partijiet ta' liġi fl-UE ukoll. Jaf ukoll tkun trid tuża l-IĊE tiegħek bħala pedina għan-negozjar biex tappoġġja proċess leġislattiv li jkun għaddej. Jew tara l-kampanja li jmiss tal-IĊE bħala katalist għall-ħolqien ta' netwerk jew alleanza transnazzjonali wiesgħa? Probabbilment wara kollox inti biss interessat li tiġġenera relazzjonijiet ġenwinament pubbliċi fir-rigward tal-kwistjoni jew tal-organizzazzjoni tiegħek billi tuża l-IĊE bħala għodda ta' kanvassjar? F'idejk!





**Hemm ħafna modi kif tista' tieħu azzjoni b'IĊE - li tista' tużaha bħala**

– acċelleratur sabiex l-UE tagħmel xi ħaġa ġdida. Hawnhekk ikollok tkun paċenzjuż ħafna peress li biex dan it-tip ta' IĊE jasal fi tmiemu jeħtieġ ħafna żmien; l-ewwel ikollok bżonn issib bażi legali adatta u vijabbli; u trid tikkunsidra d-dibattitu pubbliku dwar il-proposta tiegħek bħala l-premju ewlieni tal-isforzi tiegħek.

– brejk biex twaqqaf lill-UE milli tagħmel xi ħaġa. F'dan il-każ iż-żmien huwa kritiku, peress li trid issib il-mument opportun biex tqajjem it-tħassib tiegħek b'tali mod li tikseb l-effett u l-appoġġ massimu, li jfisser li għandek bżonn tiġbor il-firem malajr.

– valv bil-għan li ttejjeb il-leġislazzjoni attwali tal-UE. Peress li tixtieq issolvi problema partikolari billi tbiddel leġislazzjoni speċifika, għandek bżonn iżomm l-affarijiet sempliċi. L-IĊE tat-tip valv taf tkun kumplessa ħafna u diffiċli biex tiġi kkomunikata, għalhekk agħmel l-almu tiegħek biex iżżomm mal-ġist ewlieni.

– pedina għan-negozjar billi tuża l-proċess tal-IĊE bħala element addizzjonali sabiex tipprova tinfluwenza t-tfassil tal-politika Ewropea. Iżda qabel ma tibda IĊE bħal din, evalwa l-influwenza u l-poter politiku tiegħek b'mod indipendenti mill-inizjattiva u vverifika l-benefiċċji addizzjonali possibbli. Kun ċar dwar l-intenzjonijiet tiegħek fil-konfront ta' dawk li jappoġġjawk u kun konxju tal-għażla tal-irtirar ta' IĊE u l-użu f'waqtu tagħha.

– katalist biex tibni alleanzi u netwerks wesgħin madwar l-Ewropa. Din hija l-aktar għażla xierqa meta tqis l-inizjattiva tiegħek bħala element ta' strateġija itwal biex tgħaqqad lin-nies minn madwar l-Ewropa u/jew biex tħejji kampanja elettorali Ewropea.

– kanvasser biex inti u/jew il-grupp tiegħek tkunu magħrufin aħjar fl-isfera pubblika. F'dan il-każ, l-ewwel għandek tidentifika kwistjoni sostantiva xierqa u li tista' tiġi kkomunikata faċilment għall-IĊE tiegħek. Għandek ukoll tkun trasparenti kemm jista' jkun dwar l-għanijiet tiegħek biex tiżgura li ma tqarraq bl-ebda persuna li tista' tappoġġjak.

Nota finali: l-IĊE toffri ħafna opportunitajiet iżda fl-aħħar mill-aħħar dan kollu jwassal għall-fehim u l-kapaċitajiet tiegħek stess inti u tevalwa l-għażliet u l-limitazzjonijiet ta' IĊE. Billi tkun taf dwar il-kapaċitajiet multifunzjonali ta' dan il-proċess ġdid, parteċipattiv u transnazzjonali, tista' tiżviluppa aspettattivi realistiċi u b'hekk approċċ realistiku għall-istrateġija u l-imġiba tiegħek.

# **L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:** l-istabbiliment tal-aġenda f'għaxar passi

**Qed tikkunsidra tniedi IĊE? Dan għandu jeħodlok mill-inqas ftit snin, x'aktarx anke iktar (u pjuttost ħafna f'termini ta' riżorsi). Iżda jekk tkun intelliġenti u toqgħod attent, il-proċess joffrilek ideat ġodda u jgħallmek ħafna lezzjonijiet u (idealment) jippermettilek tagħmel differenza għall-Ewropa. Dawn huma l-akbar għaxar passi mistennija matul il-proċess tal-IĊE:**

## L-ewwel pass: l-idea

Għandek idea, proġett jew tħassib li jista' jiġi tradott fit-tfassil ta' politika Ewropea. L-ewwel nett ara jekk hemmx xi għodda oħra disponibbli, possibilment aktar sempliċi u aktar aċċessibbli, biex issemma' leħnek dwar din il-kwistjoni. Jekk tagħżel l-IĊE, kompli aqra t-tieni pass.

## It-tieni pass: għarfien

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija proċess li jinvolvi ħafna implikazzjonijiet legali u politiċi. Tgħallem kulma għandek tkun taf dwar l-għażliet u l-limitazzjonijiet tal-proċess fir-rigward tal-promozzjoni tal-inizjattiva futura tiegħek. Prova evalwa: l-isforz huwa ġustifikat? Jekk temmen li iva, mela kompli aqra t-tielet pass.

## It-tielet pass: għanijiet

Punt importanti ieħor qabel ma tieħu l-ewwel passi formali. X'tixtieq tikseb bl-inizjattiva tiegħek u x'tista' realistikament tittama li tikseb?
Iddefinixxi l-għan, l-ambitu u funzjoni speċifika tal-inizjattiva tiegħek. Żommha kemm jista' jkun sempliċi għal kulħadd.

## Ir-raba' pass: disinn

Il-formulazzjoni u l-ispjegazzjoni tal-proposta inizjali tiegħek għandhom jinftiehmu f'ħafna lingwi differenti u f'ħafna aktar kulturi politiċi madwar l-Ewropa. Bħal ħafna organizzaturi, jaf imnejn tkun trid tuża sistema ta' ġbir onlajn: issa huwa l-mument li tistabbilixxi din is-sistema u tuża l-appoġġ disponibbli kollu.

## Il-ħames pass: reġistrazzjoni

Dan huwa ostaklu kbir għal ħafna organizzaturi. Għandek bżonn tikkuntattja lis-servizzi tal-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli sabiex tiżgura li l-proposta tiegħek tiġi fformulata b'mod aċċessibbli. Dan jista' jsir jekk int verament tixtieq! Imbagħad trid tressaq l-IĊE tiegħek b'mod uffiċjali onlajn u tistenna li l-Kummissjoni twettaq il-verifika tal-ammissibbiltà tagħha fi żmien xahrejn. Matul dan iż-żmien, stabbilixxi s-sistema ta' ġbir onlajn tiegħek, biex tkun lesta fil-ħin.

## Is-sitt pass: ġbir tal-firem

Dan huwa l-aħjar żmien, u l-aktar żmien diffiċli. Trid tikkonvinċi lil aktar minn miljun persuna Ewropea f'tal-anqas seba' pajjiżi differenti f'inqas minn sena. Dan l-isforz jeħtieġ li jitħejja ferm minn qabel billi jinħoloq netwerk pan-Ewropew ta' msieħba ta' appoġġ madwar l-Ewropa.

## Is-seba' pass: djalogu

Mingħajr komunikazzjoni ħadd mhu ser jappoġġjak; id-djalogu mal-ħbieb u anke x-xettiċi kollha ser ikun kruċjali għas-suċċess dejjiemi tal-inizjattiva tiegħek. Għalhekk, ikkomplementa l-attivitajiet ta' ġbir tal-firem tiegħek billi tagħmel kuntatt permezz tal-midja (soċjali) u waqt avvenimenti pubbliċi.

## It-tmien pass: limiti

L-għexieren ta' rekwiżiti u ostakli għandhom jiġu indirizzati qabel ma tkun tista' finalment tressaq l-inizjattiva tiegħek biċ-ċertifikazzjonijiet kollha meħtieġa lill-Kummissjoni tal-UE. Dan jitlob li jkun hemm tim tal-amministrazzjoni sod u mħejji tajjeb għall-inizjattiva tiegħek. L-iżbalji banali jiġġeneraw spejjeż addizzjonali għolja, dewmien u frustrazzjoni.

## Id-disa' pass: komunikazzjoni

It-tressiq tal-IĊE tiegħek huwa biss il-bidu ta' kapitolu importanti ieħor: il-komunikazzjoni dwar suġġett uffiċjali tal-UE li twasslek sal-palk politiku ċentrali. Wara li tiġi rikonoxxuta bħala inizjattiva ta' suċċess, jinfetħulek bibien ġodda: f'taħditiet formali mal-Kummissjoni u f'seduta pubblika fil-Parlament Ewropew. Din tkun opportunità kbira għalik biex tikkonvinċi saħansitra aktar nies - u possibbilment in-nies li għandek bżonn l-aktar tikkonvinċi!

## L-għaxar pass: konklużjonijiet

It-tmiem ta' eżerċizzju eżawrjenti, iżda nittamaw li jkun wieħed li jagħti setgħa. Tinsiex tagħmel ix-xogħol klerikali, id-dokumentazzjoni u l-evalwazzjoni - sabiex titgħallem mill-konklużjonijiet misluta (u taqsamhom). U peress li mill-2012 'il hawn diġà ġew irreġistrati aktar minn 50 IĊE, hemm ħafna x'wieħed jitgħallem minnhom.

# **L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:**
# jew kif tagħmel differenza

## **Carpe Diem:**
## Stop TTIP (Carpe Diem: Inwaqqfu t-TTIP)

Huma u jimmonitorjaw it-taħditiet li kienu għaddejjin bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-Kanada dwar ftehim ta' kummerċ ħieles fis-sajf tal-2014, il-movimenti soċjali madwar l-Ewropa ressqu żewġ proposti lill-UE: li twaqqaf in-negozjati dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) u li ma tirratifikax il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA). L-organizzaturi tal-IĊE qalu li r-raġuni prinċipali għal dan kienet is-"soluzzjoni ta' tilwim bejn l-investitur u l-Istat", li "joħloq theddida għad-demokrazija u l-istat tad-dritt". Filwaqt li l-IĊE nċaħdet mill-Kummissjoni tal-UE u konsegwentement ittieħdet il-Qorti mill-organizzaturi, il-kampanja kisbet momentum dejjem jikber permezz tad-dibattitu pubbliku u nediet l-hekk imsejħa IĊE "awtoorganizzata", filwaqt li rriflettiet ir-rekwiżiti tal-proċess formali tal-IĊE u ġabret aktar minn 1,5 miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ fi żmien sena, bl-akbar appoġġ mill-Istati Membri oriġinali tal-UE: il-Ġermanja, Franza u l-pajjiżi tal-Benelux.

***https://stop-ttip.org/***

## **Protect the Animals:**
## Stop Vivisection (Nipproteġu l-annimali: inwaqqfu l-vivisezzjoni)

Il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-annimali tradizzjonalment jattiraw appoġġ pubbliku konsiderevoli. Fl-Istati Uniti, l-organizzazzjoni ewlenija tal-protezzjoni tal-annimal, il-"Humane Society", sikwit tiġi kkunsidrata bħala l-aktar proponent ta' inizjattivi ta' suċċess. Fl-UE, moviment simili kiseb momentum fl-2012-2013 b'aktar minn 1 173 130 dikjarazzjoni ta' appoġġ fejn ġiet proposta leġislazzjoni ġdida tal-UE biex l-ittestjar fuq l-annimali għar-riċerka medika bażikament isir illegali. Din l-IĊE tressqet lill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2015.

***www.stopvivisection.eu***

## **Pro-Life Movement:** One of Us (Moviment favur il-ħajja: Wieħed minna)

"L-embrijun huwa bniedem, huwa tarbija li ġiet ikkonċeputa u li għadha ma twelditx; mhuwiex raġonevoli li jinqatel sabiex niksbu ċ-ċelloli staminali". B'dan l-argument fundamentali u proposta għal leġislazzjoni restrittiva ġdida tal-UE fir-rigward tar-riċerka fuq iċ-ċelloli staminali, l-organizzaturi tal-inizjattiva' "One of Us" irnexxilhom jużaw il-proċess tal-IĊE bħala għodda b'saħħitha għall-kampanja. Dawn ġabru appoġġ konsiderevoli fuq formoli stampati, iżjed minn organizzaturi oħra tal-IĊE, u finalment irnexxilhom jiksbu aktar appoġġ minn kwalunkwe inizjattiva oħra s'issa. Madankollu, il-proposta tagħhom ftit li xejn irċeviet tweġibiet min-naħa tal-Kummissjoni tal-UE, u dan irrabja lill-organizzaturi u konsegwentement appellaw lill-Qorti Ewropea kontra n-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni.

***www.oneofus.eu***

## **Against privatisation:** Right2Water (Kontra l-privatizzazzjoni: id-dritt għall-ilma)

Din kienet waħda mill-ewwel IĊE reġistrati fl-istorja, u (kważi) rnexxilha tasal sal-quċċata. L-inizjattiva Right2Water, imnedija primarjament minn trejdjunjins Ewropej, kienet ibbażata fuq id-dritt internazzjonali għall-aċċess ħieles għall-ilma tax-xorb u s-sanità ta' kwalità. Dan id-dritt kien marbut mad-diskussjoni tal-UE biex tippermetti lill-investituri privati jixtru u jbiegħu r-riżorsi tal-ilma madwar l-Unjoni. Hekk kif żviluppat l-IĊE, id-dibattitu ngħata ħafna attenzjoni pubblika u nġabru kważi miljun firma fi żmien jumejn, li ttestjat b'mod reali s-sistema l-ġdida ta' ġbir ta' firem onlajn. Fl-aħħar nett waslet għand il-Kummissjoni tal-UE kif previst taħt il-liġi dwar l-IĊE u din l-istituzzjoni tal-UE laqgħet din l-inizjattiva iżda ma ħarġet l-ebda leġislazzjoni ġdida.

***www.right2water.eu***

# PONT TRANSNAZZJONALI

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew



Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa wieħed mill-eqdem istituzzjonijiet tal-UE, li twaqqaf bit-Trattat ta' Ruma fl-1957. Il-Kumitat huwa magħmul minn 353 membru maħtura mill-Istati Membri kollha tal-UE, li jirrappreżentaw lil min iħaddem, l-impjegati u t-tielet grupp li jirrappreżenta diversi attivitajiet bħall-bdiewa, il-gruppi tal-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet professjonali.

Bl-enfasi tiegħu bħala korp konsultattiv dwar kwistjonijiet soċjali u demokratiku, ir-rwol tal-KESE ssaħħaħ dan l-aħħar u b'hekk sar pont ewlieni "bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-UE". Fi kliem ieħor, il-KESE issa huwa infrastruttura ta' appoġġ importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għad-demokrazija parteċipattiva.

Dan ir-rwol huwa primarjament espress fil-ħidma proattiva mwettqa mit-353 membru madwar l-Ewropa vis-à-vis l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u l-iskejjel. Huwa u joħroġ opinjonijiet dwar leġislazzjonijiet ġodda tal-UE dwar id-demokrazija parteċipattiva (primarjament l-Artikolu 11 tat-Trattat ta' Lisbona), il-KESE jieħu pożizzjoni proattiva, u dan jagħmel l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej kemm jista' jkun aċċessibbli u faċli għall-utent.

Il-KESE ppubblika minn kmieni gwida għall-utent dwar l-IĊE fi 23 lingwa; issa qed jagħtiha segwitu permezz ta' din il-pubblikazzjoni, li toffri liċ-ċittadini madwar l-Ewropa punt tad-dħul u gwida dwar kif jistgħu jsemmu leħinhom b'mod effiċjenti u sostenibbli.

## Hemm modi oħra kif **il-KESE jista' jappoġġjak:**

### Jum l-IĊE

Din hija r-Rebbiegħa għall-poter tal-poplu Ewropew! Flimkien mal-organizzazzjonijiet ewlenin tas-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa, f'April ta' kull sena l-KESE jorganizza laqgħa għaċ-ċittadini attivi u l-partijiet interessati, biex jirrevedi u jġedded il-proċess parteċipattiv stabbilit mill-IĊE.

***www.eesc.europa.eu/eciday2015***

### Problemi ta' traduzzjoni?

Hija sfida kbira għal kull min isir attiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika Ewropea, kemm għall-istituzzjonijiet stabbiliti kif ukoll għaċ-ċittadini attivi, biex jikkomunikaw l-ideat tagħhom liċ-ċittadini kollha tal-UE fil-lingwa tagħhom. Fir-rigward tal-IĊE, il-KESE issa joffri servizz ġdid u uniku għall-inizjattivi taċ-ċittadini rreġistrati permezz tat-traduzzjoni tat-testi ta' reġistrazzjoni formali tagħhom fil-lingwi l-oħra tal-UE, mingħajr ħlas.

***citizensinitiative@eesc.europa.eu***

### Aktar informazzjoni

Flimkien maċ-Ċentru nongovernattiv ta' Appoġġ tal-IĊE (ara t-taqsima li jmiss), il-KESE stabbilixxa riżorsa ta' informazzjoni onlajn unika dwar il-fatti ewlenin tal-IĊE u l-esperjenzi prattiċi. Din ir-riżorsa telenka l-materjali kollha disponibbli (riċerka, evalwazzjonijiet legali, artikoli u pubblikazzjonijiet) u tispjega kif jistgħu jiġu aċċessati.

***http://xteam.eesc.europa.eu/sites/eci-db***

# ĊENTRU TA' APPOĠĠ

## Soċjetà Ċivili u l-Midja taċ-Ċittadini

## **L-appoġġ issibu kulfejn iddur —** kulma għandek tagħmel huwa li tużah

Bħala ċittadin attiv tal-UE litteralment m'intix waħdek. Hemm aktar minn 400 miljun persuna bħalek. U lanqas m'inti waħdek biex tirċievi appoġġ governattiv u l-appoġġ tas-soċjetà ċivili biex issemma' leħnek. Fost il-ħafna riżorsi disponibbli, nirrakkomandaw l-appoġġ, il-gwida u l-mezzi tax-xandir transnazzjonali madwar l-Ewropa li ġejjin.

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

– Iċ-Ċentru ta' Appoġġ tal-IĊE huwa inizjattiva konġunta mmexxija mis-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej, id-Democracy International u l-Initiative and Referendum Institute Europe. Iċ-Ċentru jipprovdi bullettini ta' aġġornamenti, konsulenza mfassla apposta, riċerka u analiżi, u aċċess għaċ-Ċentru ta' għarfien dwar l-IĊE.

***ecas.org/services/eci-support-centre/***
*elisa.bruno@ecas.org*

– Il-Kampanja tal-IĊE hija organizzazzjoni li taħdem esklużivament għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u toffri riżorsi ta' informazzjoni kif ukoll appoġġ għall-kampanji.

***www.citizens-initiative.eu/about/the-eci-campaign***
*berg@citizens-initiative.eu*

## Demokrazija parteċipattiva

– Iċ-Ċentru ta' Riċerka għaċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva fl-Università ta' Wuppertal jiġbor u janalizza d-data dwar il-proċeduri u l-prattika tad-demokrazija diretta moderna. Joffri pariri, taħriġ u tagħlim u jospita riżorsi onlajn bħan-Navigatur tad-Demokrazija Diretta.

***www.direct-democracy-navigator.org***
*editor@direct-democracy-navigator.org*

– Għadd dejjem jikber ta' entitajiet governattivi madwar l-Ewropa qed jinvestu fl-istabbiliment ta' infrastrutturi ta' appoġġ għaċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva, filwaqt li joffru gwida dwar kif tista' ssemma' leħnek. Ġie stabbilit netwerk ġdid ta' gvernijiet reġjonali u lokali.

***www.beteiligungsportal-bw.de/network-participation***
*Fabian.Reidinger@stm.bwl.de*

## Iċ-ċittadini u l-ġurnaliżmu

– Il-Euractiv jgħaqqad iċ-ċittadinanza attiva Ewropea mal-ġurnaliżmu professjonali onlajn u joffri stejjer, opinjonijiet, analiżijiet u informazzjoni ta' sfond dwar dak kollu li qed jiġri fix-xena politika madwar l-Ewropa fi tliet lingwi: Ingliż, Franċiż u Ġermaniż.

***www.euractiv.com***
*fondateur@euractiv.com*

– "Nies. Parteċipazzjoni. Poter." Dan huwa l-motto tad-"Direct Democracy Media Platform" ta' Swissinfo.ch, is-servizz internazzjonali tal-Kumpanija tax-Xandir Svizzera, li toffri aħbarijiet, opinjonijiet u informazzjoni ta' sfond għaċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva madwar id-dinja f'għaxar lingwi: Ingliż, Franċiż, Ġermaniż, Spanjol, Għarbi, Russu, Ċiniż, Portugiż, Taljan u Ġappuniż.

***www.swissinfo.ch/directdemocracy***
*amr.huber@swissinfo.ch*

# Noti

Dan il-Passaport ġie kunċettwalizzat u miktub minn Bruno Kaufmann, li jirrapporta dwar id-demokrazija, u huwa politologu u l-president tal-Kummissjoni Elettorali f'Falun, l-Isvezja, l-ewwel muniċipalità fl-Ewropa li ppubblikat Passaport tad-Demokrazija lokali fl-2013.

***http://www.falun.se/demokrati***
***http://people2power.info***
***http://iri-europe.org***

*Stampi: © iStock (paġni 2/6/7/10/12/14/16/21/22/23)*

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Ippubblikati minn: Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2015-15-MT

**www.eesc.europa.eu**

© L-Unjoni Ewropea, 2015
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Verżjoni stampata*
QE-04-15-149-MT-C
ISBN 978-92-830-2713-3
doi:10.2864/690783

*Verżjoni onlajn*
QE-04-15-149-MT-N
ISBN 978-92-830-2712-6
doi:10.2864/427856

**MT**